# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 13 ta' Frar 2001**

**Numru 85**

**Citaz. numru 1079/91 DS**

Francis Aquilina
vs
Louis Cassar f'ismu proprju u bhala Managing Director ghan-nom u in rappreżentanza tas-socjeta` L.C.M. Investments Limited

Illum, 13 ta' Frar 2001

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-2 ta' Ottubru 1991 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta:

Illi l-attur fil-kors ta' l-impjieg mas-socjeta' konvenuta, u precizament fis-6 ta' Mejju 1991, korra gravament meta ntlaqghat minn kantun li waqa' mill-izata tal-crane waqt li kien qed isir xoghol ta' kostruzzjoni ta' dar f'Ta' Giorni Road, Ta' Giorni.

Illi b'effett ta' dan l-incident l-istanti sofra griehi personali konsiderevoli;

Illi l-imsemmi incident sehh b'nuqqas ta' hsieb, traskuragni, imperizja u non-ottemporanza tar-regolamenti attinenti ghall-kaz de quo da parti tas-socjeta' konvenuta;

talab lil din il-Qorti:-

1. tiddidjara u tiddeciedi illi l-incident de quo li fih l-istanti sofra danni gara bi htija ta' l-istess socjeta konvenuta u/jew tal-konvenut personalment kif fuq inghad u ghar-ragunijiet fuq premessi;

2. tillikwida in linea ta' danni l-kumpens xieraq dovut lill-istanti b'konsegwenza tal-griehi personali minnu subiti, okkorrendo bl-operat ta' perit nominandi; u

3. tikkundanna lill-istess konvenut pro et noe jhallas lill-attur l-ammont hekk likwidat;

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-6 ta' Settembru 1991, u tal-ittri legali tat-28 ta' Gunju 1991 u tal-14 ta' Awissu 1991 kontra l-konvenut nomine ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut proprio et nomine fejn qal:

1. Illi l-eccipjent nomine jichad l-allegazzjonijiet u konsegwenti pretenzjonijiet tal-attur in kwanto dedotti kontra s-socjeta' konvenuta bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li s-socjeta kummercjali ma tista qatt tkun responsabbli ghal danni nascenti minn allegat tort jew quasi tort.

2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-dak premess, l-eccipjent proprio et nomine jeccepixxi li la hu u lanqas is-socjeta' minnu rappresentata ma huma responsabbli ghall-incident de quo, u ghalhekk lanqas ma huma responsabbli ghad-danni pretizi mill-attur u dana ghar-ragunijiet li jigu provati waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet tad-9 ta' Jannar 1992 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Joseph Micallef Stafrace bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz, u dan bl-assistenza ta' l-A.I.C. Michaelangelo Refalo;

Rat il-verbal fis-seduta peritali tat-22 ta’ Dicembru 1995 li permezz tieghu l-partijiet qablu li ghall-ghajnejn l-attur jigi ezaminat minn Mr. Thomas Fenech FRCS (orth);

Rat ir-relazzjoni debitament mahlufa;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Din il-kawza giet istitwita minhabba incident li fih l-attur, waqt li kien qed jahdem fuq sit taht kostruzzjoni f’Ta’ Giorni Road, Ta’ Giorni, intlaqat f’rasu minn kantun li waqa’ mill-issata ta’ *crane*. Il-konvenut kien il-proprjetarju tas-socjeta` ta’ kostruzzjoni li kienet thaddem lill-attur filwaqt li l-attur kien impjegat bhala lavrant u xoghlu fil-gurnata ta’ l-incident kien li jippostja l-kantuni li kienu qed jittellghu ghal-livell ta’ *first floor* minn *crane* operat mill-konvenut stess.

Mill-provi jirrizulta li qabel ma gara l-incident il-gebel kien jittella’ billi jintrabat b’katina u meta jigi issat bil-*crane* l-katina tigi taghfas mieghu u zzommu milli jaqa’. Meta x-xoghol jisserrah fil-livell li jkun mehtieg, il-katina tillaxka u b’hekk jinhall l-irbit. Dan kien il-metodu tradizzjonali uzat ghal snin twal. Il-konvenut pero` kien ra xi apparat gdid u ddecieda li jadottah ghax qal li kien “iktar *safe*”, u kieku l-haddiema oggezzjonaw kien juza l-ktajjen. L-ewwel darba li ntuza l-apparat il-gdid kien dakinhar ta’ l-incident.

Carmelo Sciberras, li kien il-persuna li qed jorbot il-gebel fl-art qabel ma jigi issat bil-*crane*, xehed li meta l-konvenut gab l-apparat il-gdid qallu “Wig, dan x’ridtu?” u dan “ghax bis-sistema antika konna mdorrijin”; hawn Sciberras donnu kien qieghed jesprimi dubju dwar l-apparat il-gdid. L-attur in kontro-ezami xehed li meta ra l-apparat il-gdid jintuza oggezzjona ghax qatt ma rah jahdem u qal lill-konvenut biex ma juzahx. Dwar l-apparat u l-metodu ta’ l-uzu tieghu Sciberras qal li waqt li l-konvenut kien fuq il-*crane*, hu kien fl-art “indahhal il-hadida fil-gebel, bhal tinhazem jew jintrass. Imbaghad jigi l-ganc u l-gebel jintrefa”. U in kontro-ezami spjega l-procedura hekk: “Tqieghed il-gebel ma’ xulxin, wieqaf. Kienu qishom bicctejn *angle irons*, tghaddi l-wire ghal fuq u x’hin tolza jintrass. Jekk ma tintrabatx tajjeb malli terfa’ jaqa’”.

Il-periti gudizzjarji osservaw li qatt ma raw l-apparat li kien involut fl-incident nonostante d-digrieti relattivi li tat il-Qorti biex jigi ndikat fejn kien jinsab dan l-apparat. Mill-provi migjuba pero` l-perit tekniku seta’

jasal ghall-konkluzjonijiet tieghu dwar l-incident. Difatti huwa qal li f'dan il-kaz ma garax dak li semma' Sciberras, cioe` li jekk ma jintrabatx tajjeb malli terfa' jaqa' peress illi jirrizulta li meta nfetah l-irbit u nbezqu 'l barra l-knaten, ix-xoghol kien diga` ttella' f'livell oghla mis-sular fejn kien ser jinhatt. L-espert tekniku mbaghad kompla li hija l-opinjoni tieghu li "la darba rrizulta mill-provi li meta hadem bl-apparat il-gdid diversi drabi (qabel l-incident) il-knaten izzerzqu 'l barra, din kienet indikazzjoni sufficjenti ghall-konvenut li, jew l-apparat ma kienx idoneu, jew inkella kienu qeghdin jadoperawh hazin; u huwa messu waqaf milli jkompli juzah sakemm jaghmel il-verifiki mehtiega fejn kien rah jintuza Ghawdex. Il-fatt li wara l-incident zdidulu xi 'stoppers' kif johrog mix-xiehda –ghalkemm il-verzjoni tal-konvenut in kontro-ezami kienet li 'stoppers' hemm kienu u hemm baqghu – hija indikazzjoni illi l-apparat kif originarjament adoperat ma kienx qed jiffunzjona sew. Li kien il-kontra, ma kienx ikollu bzonn ta' din il-modifikazzjoni."

Gie osservat ukoll li ghalkemm kien Carmelo Sciberras li kien qed jorbot il-gebel qabel ma jigi issat u jista' jaghti l-kaz li jew ma kienx jaf jadopera sew l-apparat il-gdid jew ma fehemx kif ghandu juzah, dan xorta ma jezonerax lill-konvenut mir-responsabbilta` ghall-incident ghaliex kien hu li ntroduca l-apparat il-gdid u kellu l-obbligu li jara li Sciberras kien qed jahdem sew galadarba din kienet l-ewwel gurnata li kien gie ntrodott l-apparat u diga` kien hemm indikazzjoni li ma kienx qed jahdem sew fl-ewwel ftit issati.

Il-kwadru rizultanti mill-provi ghalhekk kien dan: il-konvenut kien mal-*crane*; Carmelo Sciberras kien qed jorbot ix-xoghol bl-apparat il-gdid; l-attur jippostja l-gebel li kien qed jittella' fil-livell tal-*first floor*; impjegat iehor Carmelo Farrugia kien qed ighin lill-attur jippostja l-gebel u meta jkun il-kaz johrog fuq il-gallarija jaghmel is-sinjali rikjesti lill-konvenut biex jissa, jieqaf jew imajna l-gebel; sid il-bini George Cini u l-bennej Anglu Debono kienu wkoll fil-*first floor* izda fuq gewwa u ma setghux jaraw x'qed jigri.

Carmelo Farrugia xehed li meta gara l-incident hu biss seta' jara kemm lill-attur u kemm lill-konvenut. Il-konvenut tella' issata minghajr ma qallu Farrugia – dan jimplika li l-issata qaghdet tiddendel in arja inutilment. Farrugia kien qed ighin lill-attur jippostja izda meta hareg fuq il-gallarija biex jaghmel is-sinjal rikjest, l-irbit infetah u l-knaten inbezqu 'l barra u l-attur intlaqat u korra. Kieku ma harigx f'dak il-mument kien jintlaqat hu wkoll.

Il-konvenut xehed li dment li minn fuq ma jghidulux ma jtellax, hu jibqa' ghaddej. Meta jtella' u jaqbez is-sular fejn irid ihott, idawwar ghad-direzzjoni ta' fejn ikun ha jhott u jistenna s-sinjal biex inizzel. Dment ma jtuhx sinjal jibqa' fl-ajru. Dakinhar tella', dar u waqqaf fejn qallu Farrugia bla ma jara l-issata. Waqt li l-vjagg kien imdendel sema' hoss u nduna li x-xoghol kien waqa' ghax ma kienx nizzel. Tela' jigri fuq u sab lill-attur korrut. Ma jafx kif infetah l-irbit. Farrugia xehed li l-uniku sinjal li kien jaghmel lil tal-*crane* (cioe` lill-konvenut) kien biex jieqaf u bhala direzzjoni kien ihalli f'idejn tal-*crane* ghax kellu esperjenza.

Aspett iehor imsemmi mill-periti gudizzjarji kien il-fatt li l-attur ma kienx liebes elmu meta gara l-incident. Fil-fatt irrizulta mill-provi li hadd min-nies fuq dak il-lant tax-xoghol ma kien liebes elmu. L-attur xehed li ghandu *safety helmet* ta' meta kien jahdem abbord izda uzah darba biss fuq xoghol tal-konvenut peress li kien xoghol perikoluz. Dakinhar li wegga' ma hassx li kellu juzah. Il-konvenut ammetta li la pprovda elmu u lanqas *protective clothing* lill-haddiema tieghu; u la kellu *supervisor* u lanqas *chargeman* fuq il-lant. Il-periti jikkummentaw, fil-fehma tal-Qorti gustament: **"Hu sorprendenti l-fatt li l-konvenut donnu ma jarax, anzi *definitivament* ma jarax, il-htiega ta' tali mizuri ta' safety fuq ix-xoghol u bhal jintrincea ruhu wara l-iskuzu li 'hadd ma jipprovdilhom'."**

Il-konkluzjonijiet raggunti fir-relazzjoni peritali a bazi ta' l-analizi li saret tal-provi migbura u ta' l-osservazzjonijiet li diga` saret referenza ghalihom huma komprensivi u jikkontjenu apprezzament korrett li l-Qorti tikkondividi pjenament. Difatti jinghad fir-relazzjoni li:

- Jirrizulta li fuq il-post il-konvenut kellu d-direzzjoni generali tax-xoghol, anzi hu nnifsu kien qed ihaddem il-*crane* li bih bdew jittellghu l-knaten. Fuq il-lant la kellu *supervisor* u anqas *chargeman* u ghalhekk id-direzzjoni kienet interament f'idejh.

- Il-konvenut isemmi lill-kumpanija konvenuta u li l-attur kien impjegat ma' din u jithallas minnha. Izda l-fatt hu li din il-kumpanija kinet qed topera permezz tieghu u hadd iehor, dirigent, ma ssemma', imqar remotament.

- Jidher li l-incident kellu zewg aspetti: minn naha wahda l-konvenut ha fuq ix-xoghol apparat bla ma kien ghal kollox cert mill-idoneita` tieghu u bla ma kien assikura ruhu li min ser joperah mija fil-mija

sew. Min-naha l-ohra hu ma hax il-prekawzjoni li jara li l-haddiema jkollhom l-elmu.

- Jekk wiehed ikollu jfittex kaz fejn haddiem, f'incident, minhabba l-uzu ta' l-elmu, jiskansa li jwegga', jew jekk iwegga' l-effetti jkunu mtaffija sew, il-kaz *de quo* proprju ma ssibx aqwa minnu. Bil-maqlub, jekk trid issib kaz biex turi kemm hu hazin li ma tilbisx elmu waqt xoghol ta' kostruzzjoni, l-incident mertu tal-kawza odjerna jillustra dan ampjament.

- Il-konvenut mhux biss kellu d-dover li jipprovdi tali elmu, imma darba provdut kellu d-dover li jesigi u jara li jintlibes u jiddixxiplina lil min ma jilbsux. Ghax fl-ahhar mill-ahhar incident fuq ix-xoghol jinteressa mhux biss lil min ihaddem u lill-haddiem li jwegga' imma, ghal diversi ragunijiet, jinteressa lis-socjeta` kollha.

- Meta thares lejn il-kwadru kollu ssib li l-kumpanija konvenuta bhala tali kienet responsabbli ghan-nuqqasijiet imsemmija – kif kien ukoll il-konvenut. Ebda htija kontributorja ma tirrizulta minn haddiehor. Kien hemm htija tal-konvenut proprio bhala dak li kellu t-tregija ta' kollox fuq il-post f'idejh, u li kien jaghti l-ordnijiet u lejh kienu jwiegbu l-impjegati. Fir-rigward ta' l-attur, il-konvenut xehed, bla tlaqliq ta' xejn li "*labourer* ifisser li jinqala', li nqabbdu kien jaghmlu".

- Illum hu, min-naha l-ohra ormai pacifiku, li kumpanija twiegeb hi (apparti l-individwi fil-kaz kongruwu) meta jkun hemm *practices* u nuqqasijiet imputabbli lill-azjenda. Dan jiddistingwi ruhu min-nuqqas ta' l-individwu. Xi drabi, bhal fil-kaz thaht ezami, in-nuqqas ikun imputabbli sew lill-azjenda u kif ukoll lil xi individwi. Mhux *either/or*.

Ghal dawn ir-ragunijiet li l-Qorti taghmel taghha, il-konvenut proprio et nomine ghandu jwiegeb ghad-danni sofferti mill-attur u ghalhekk issa se tghaddi ghal-likwidazzjoni taghhom.

L-attur ma ghamel talba ghad-danni maghrufa bhala *damnum emergens* u ghalhekk id-danni li se jigu likwidati huma dawk ghal *lucrum cessans*.

Mix-xiehda ta' Dr. Anthony Buttigieg li xehed ghan-nom tas-Supretendent ta' l-Isptar San Luqa, jirrizulta li l-attur sofra ferita lacero-contusa fuq in-naha ta' quddiem ta' rasu u ohra fuq in-naha tal-lemin ta' wara tar-ras. Mill-X-rays irrizultat frattura fir-ras. Barra minn hekk kellu

*loss of vision* f'ghajnu x-xellugija. Mir-rapport tal-konsulent oftalmiku Mr. Thomas Fenech gie stabilit dizabilita` permanenti ta' ghoxrin fil-mija (20%), percentwali li ma gie bl-ebda mod kontestat.

Meta gara l-incident l-attur kellu 47 sena. Fir-rapport peritali gie adottat *multiplier* ta' 14-il sena. Dan huwa korrett meta wiehed iqis li l-hajja lavorattiva normalment twassal lir-ragel ghall-eta` pensjonabbli ta' 61 sena.

L-attur xehed li meta gara l-incident t-*take home pay* kienet ta' Lm39 fil-gimgha. Meta wiehed iqis il-firxa tas-snin, zidiet fil-paga, il-bonus stabbilit mil-ligi u sahansitra l-*purchasing power* dejjem jonqos tal-munita, kalkolu bazat fuq qliegh medju ta' Lm60 fil-gimgha huwa wkoll gust.

Id-danni jridu ghalhekk jigu komputati hekk:

Lm60 fil-gimgha x 52 gimgha x 14-il sena = Lm43,680

Rata ta' dizabilita` : 20% = Lm 8,736.

Billi l-incident gara kwazi ghaxar snin ilu ma hu se jitnaqqas xejn ghal *lump sum payment*.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut proprio et nomine, tilqa' t-talbiet attrici, u ghalhekk:

(1) tiddikjara li l-incident *de quo* li fih l-attur sofra danni gara bi htija ta' l-istess socjeta' konvenuta u tal-konvenut personalment,
(2) tillikwida d-danni fis-somma ta' Lm8,736, u
(3) tikkundanna lill-konvenut proprio et nomine jhallas lill-attur din is-somma hekk likwidata ta' Lm8,736 bl-imghax millum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut proprio et nomine.

Onor. Imhallef
Dottor David Scicluna

D/Registratur